# Office of the Regulator
## Granting of Citizenship for Exceptional Services

# *Jiltaqa' l-Kumitat ta' Monitoraġġ għad-disa' darba*

21 ta' Jannar 2025

Id-disa' laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ imwaqqaf sabiex jagħmel monitoraġġ fuq it-tħaddim tal-Programm għall-Għoti taċ-Ċittadinanza b'naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali (GħĊSE), kif ukoll f'termini tal-programm preċedenti, jiġifieri l-Programm ta' Investitur Individwali (PII) saret nhar l-20 ta' Jannar 2025. Dan il-Kumitat twaqqaf skont id-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 25B tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap 188) u huwa kompost mill-Prim Ministru l-Onor Dott. Robert Abela (li jippresedieh), il-Ministru responsabbli mill-affarijiet relatati maċ-Ċittadinanza Maltija l-Onor Dott Byron Camilleri u l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor Dott Bernard Grech, kif ukoll is-Sur Carmel L Dr Gabriele, Regolatur GħĊSE, li wkoll attenda din il-laqgħa.

Matul il-laqgħa, is-Sur De Gabriele ta ġabra fil-qosor tal-attivitajiet imwettqa mill-Uffiċċju tiegħu speċifikament matul il-perjodu li dwaru jitkellem dan id-disa' Rapport flimkien ma' tali rwol u funzjonijiet kif ukoll ħarsa ħafifa dwar kif mexa l-Programm (PII) innifsu, kif ukoll kif marret l-iskema l-ġdida (GħĊSE) fil-perjodu ta' tnax-il xahar bejn Jannar u Diċembru 2022.

Ir-Regolatur ta' ħarsa dettaljata fuq is-sena kollha ibbażata fuq ir-Rapport Annwali tiegħu li ser jiġi ppubblikat fil-ġranet li ġejjin, u li ser ikun id-disa' wieħed fis-serje ta' Rapporti Annwali simili. Din hija t-tieni darba minn meta beda l-programm li r-Rapport Annwali tar-Regolatur ser ikopri sena kalendarja sħiħa ta' tnax-il xahar minn Jannar sa Diċembru u mhux sena li tibda mill-1 ta' Lulju ta' sena partikolari u li tagħlaq fit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara kif kien il-każ sas-Sitt Rapport Annwali, filwaqt li s-seba' Rapport Annwali kien kopra l-perjodu ta' tmintax-il xahar, minn Lulju 2019 sa Diċembru 2020.

Huwa mistenni li, fi żmien qasir, titqiegħed kopja ta' dan id-disa Rapport Annwali fuq il-Mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti, skont id-dispożizzjonijiet tas-sub Artikolu 9 tal-Artikolu 25 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, u, wara dan, jinħareġ uffiċċjalment b'mod pubbliku kif ukoll riprodott onlajn fuq il-*portal* tal-Uffiċċju tar-Regolatur.